



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Diċembru 2012
(OR. en)**

**17146/2/12
REV 2**

FIN 990

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' baġit ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 - Pożizzjoni tal-Kunsill

1. Wara li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni naqas milli jilħaq qbil dwar il-baġit għall-2013, fit-23 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni għaddiet lill-Kunsill abbozz ġdid ta' baġit għall-2013 f'konformità mal-Artikolu 314(8) tat-TFUE.
2. Dan l-abbozz ta' baġit ġdid huwa bbażat, fir-rigward tal-approprijazzjonijiet ta' impenn, fuq l-aktar sitwazzjoni reċenti fin-negozjati tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni li temm il-ħidma tiegħu fit-13 ta' Novembru. Rigward l-approprijazzjonijiet ta' pagament, l-abbozz il-ġdid ta' baġit huwa bbażat fuq l-abbozz ta' baġit oriġinali tal-Kummissjoni, kif emendat bl-ittra ta' emenda Nru 1/2013.
3. L-abbozz il-ġdid ta' baġit għall-2013 ġie eżaminat mill-Kumitat tal-Baġit fis-26 u s-27 ta' Novembru 2012 u mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-28 u d-29 ta' Novembru 2012.

4. Fi trilogu fid-29 ta' Novembru 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu qbil ta' *referendum ad hoc* dwar l-abbozz il-ġdid ta' baġit għall-2013 emendat kif ġej:

- l-approprijazzjonijiet ta' impenn fuq tmien linji baġitarji taħt is-subintestatura 1a ġew rinforzati għal ammont totali ta' EUR 15.986 miljun;
- l-approprijazzjonijiet fuq il-Punt 05 07 01 06 (*Approvazzjoni tal-kontabilità ta' kontijiet ta' snin preċedenti rigward l-infiq ta' ġestjoni konġunta taħt it-Taqsima ta' Garanzija tal-FAEGG (miżuri preċedenti) u taħt il-FAEG*) ġew stabbiliti għal ammont ta' - EUR 200 miljun;
- l-approprijazzjonijiet marbuta mal-aġġustament tas-salarju għall-2011 mhumiex inklużi fil-baġit tal-2013 f'dan l-istadju (ħlief għall-Parlament Ewropew); bħala parti mill-kompromess ġenerali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar id-dikjarazzjoni konġunta dwar l-intestatura 5 kif stabbilita fl-Anness 3;
- il-livell globali ta' approprijazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2013 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 132 836 987 855; bħala parti mill-kompromess ġenerali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar id-dikjarazzjonijiet konġunti dwar l-approprijazzjonijiet ta' pagament kif stabbilita fl-Anness 3;
- ir-riżervi kollha vvutati mill-Parlament Ewropew huma miżmuma, bl-eċċezzjoni tar-riżerva marbuta mal-"Governanza ta' Schengen" (*l-Artikoli 18 02 05 - Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, 18 02 06 - Fond għall-Fruntieri Esterni, 18 05 08 - Prevenzjoni, stat ta' tħejjija u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu u 18 05 09 - Prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità*), li għaliha 20% tal-approprijazzjonijiet fuq il-linja tqiegħdu fir-riżerva.

Tqassim dettaljat tal-qafas finanzjarju skont l-intestatura jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota. Iċ-ċifri dettaljati korrispondenti għal kull istituzzjoni u skont il-qasam ta' politika jinsabu fl-Addenda 2 sa 6. L-addendum 7 fih il-bidliet li saru għar-rimarki baġitarji.

Jeħtieġ li jiġi aġġornat id-dħul totali b'kont meħud tal-pożizzjoni tal-Kunsill.

5. Il-qbil li ntlaħaq dwar l-abbozz il-ġdid ta' baġit għall-2013, kif emendat, ġie approvat b'maġġoranza kwalifikata¹ mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-30 ta' Novembru.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex:
- jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz il-ġdid ta' baġit għall-2013 kif imniżżel fil-punt 4 hawn fuq;
 - japprova l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 kif stabbilit fl-Anness 1 u jgħaddih lill-Parlament Ewropew;
 - jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif tinsab fl-Anness 2;
 - jirreġistra fil-minuti tiegħu l-abbozz ta' dikjarazzjonijiet konġunti li jinsabu fl-Anness 3.

¹ AT, NL, SE u UK jivvutaw kontra. NL, SE u UK għamlu d-dikjarazzjoni unilaterali li ġejja li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill: *"Il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit jinnotaw li minħabba n-nuqqas fid-dritt tal-Unjoni ta' proċedura formali ta' adozzjoni ta' dokumenti politiċi, bħal konklużjonijiet u dikjarazzjonijiet, il-Kunsill jiddeċiedi dwar dawn id-dokumenti politiċi bħal dawn b'kunsens. Dan jirrifletti l-prattika li ilha tal-Kunsill li dawn ma jgħaddux jekk xi Membru tal-Kunsill ikun opponihom. Għaldaqstant, jekk id-dikjarazzjonijiet jipproċedu mingħajr qbil mill-Kunsill b'kunsens, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit ma jikkunsidrawx li tali dikjarazzjonijiet ikunu ġew adottati u ma jikkunsidrawx lilhom infushom, jew il-Kunsill, marbutin bil-kontenut ta' dawk id-dikjarazzjonijiet."* DK għamlet id-dikjarazzjoni unilaterali li ġejja li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill: *"Id-Danimarka tivvota favur il-baġit għall-2013. Fl-istess waqt, id-Danimarka ma tappoġġax id-dikjarazzjoni li tirrigwarda s-sospensjoni tal-pagamenti fl-2012, li d-Danimarka tqis li huma relatati mal-baġit emendatorju Nru 6/2012 li għalih id-Danimarka tivvota le."*

ABBOZZ ta'

DEĊIŻJONI

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 296 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106 (a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej¹,

¹ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

Billi:

1. Fil-25 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit għas-sena finanzjarja 2013, li dwarha ma ntlaħaq ebda qbil fil-Proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fl-Artikolu 314 (4) sa (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. B'applikazzjoni tal-Artikolu 314(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fis-23 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ġdid ta' baġit għall-istess sena finanzjarja fit-23 ta' Novembru 2012.
3. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz il-ġdid ta' baġit għall-2013 fis-6 ta' Diċembru 2012.
4. Il-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill waqt is-sessjoni plenarja tiegħu ta' XX ta' Diċembru 2012,

IDDEĊIDEW:

Artikolu Uniku

Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 huwa stabbilit f'konformità mal-anness għal din id-Deċiżjoni,

Magħmul fi Strasburg, XX ta' Diċembru 2012.

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill tal-U.E.
Il-President*

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
LI TADOTTA L-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL DWAR
L-ABBOZZ TA' BAĠIT TAL-UNJONI EWROPEA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2013

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(3) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

1. fit-23 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz il-ġdid ta' baġit għas-sena finanzjarja 2013³,
2. il-Kunsill eżamina l-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ddefinita pożizzjoni konsistenti, fuq in-naħa tad-dħul, mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej⁴, u fuq in-naħa tal-infiq, mal-Parti I tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba⁵, li, fin-nuqqas ta' qafas finanzjarju pluriennali stabbilit skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi l-istrument tad-dixxiplina baġitarja applikabbli bħalissa,

³ COM(2012) 716 final.

⁴ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

⁵ ĠU L 347, 24.12.2009, p. 26.

3. minħabba l-ħtieġa li tiġi adottata pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz il-ġdid ta' baġit mill-iktar fis possibbli bil-ħsieb li jiġi adottat b'mod definittiv baġit qabel il-bidu tas-sena finanzjarja 2013, b'hekk tkun żgurata l-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni, huwa ġustifikat li, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, jitqassar il-perijodu ta' tmien ġimgħat għall-informazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali, kif ukoll il-perijodu ta' għaxart ijiem previst sabiex il-punt jitqiegħed fuq l-aġenda proviżorja tal-Kunsill stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz il-ġdid ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 ġiet adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2012.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil minn fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fi Brussell, fis-6 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kunsill
Il-President

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

1. Appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2013

"B'kont meħud tal-isforzi li qed isiru bħalissa fl-Istati Membri għall-konsolidazzjoni fiskali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jieħdu nota tal-livell ta' pagamenti proposta mill-Kummissjoni għall-2013, jaqblu dwar tnaqqis tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2013 meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni. Huma jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal kwalunkwe azzjoni meħtieġa skont it-Trattat u, b'mod partikolari, biex titlob għal appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali f'baġit emendatorju jekk l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2013 jirriżultaw li mhumiex biżżejjed biex ikopru l-infiq taħt is-subintestatura 1a (*Kompetittività għat-tkabbir u l-impjegi*), is-subintestatura 1b (*Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjegi*), l-intestatura 2 (*Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali*), l-intestatura 3 (*Ċittadinanza, Libertà, Sigurtà u Ġustizzja*) u l-intestatura 4 (*L-UE bħala attur globali*).

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ihegħgu lill-Kummissjoni biex sa nofs Ottubru 2013 tippreżenta l-aħħar ċifri aġġornati rigward is-sitwazzjoni attwali u l-estimi rigward l-appropriazzjonijiet ta' pagament taħt is-subintestatura 1b u l-iżvilupp rurali taħt l-intestatura 2 u, jekk ikun meħtieġ, tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma konxji li possibbilment jista' jkun meħtieġ abbozz ta' baġit emendatorju sa minn nofs l-2013. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata d-deċiżjoni dwar il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest tal-proċedura baġittarja annwali, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li janalizzaw kif jistgħu jitqabblu aħjar l-estimi tal-appropriazzjonijiet ta' pagament taħt ġestjoni kondiviża mal-bżonnijiet korrispondenti.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu pożizzjoni dwar kwalunkwe abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fl-appropriazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr kemm jista' jkun kull trasferiment possibbli ta' appropriazzjonijiet ta' pagament, inkluż minn intestatura tal-qafas finanzjarju għal oħra, biex isir l-aħjar użu possibbli tal-appropriazzjonijiet ta' pagament imdaħħla fil-baġit u jallinjawhom mal-eżekuzzjoni u l-hitġijiet attwali.

F'konformità mal-Punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tkun żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, progressjoni ordnata tat-total tal-approrzazzjonijiet ta' pagament b'rabta mal-approrzazzjonijiet għal impenji, sabiex tiġi evitata kwalunkwe evoluzzjoni anormali tal-impenji pendenti ("RAL").

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser iwettqu monitoraġġ attiv tal-istat ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-2013, matul is-sena, b'fokus fuq l-implimentazzjoni tal-pagamenti, it-talbiet għal rimborż riċevuti u previżjonijiet riveduti, abbażi tal-informazzjoni dettaljata fornuta mill-Kummissjoni.

Fi kwalunkwe każ, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ifakkru fir-responsabbiltà kondiviża tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 323 tat-TFUE, li "l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm disponibbli l-mezzi finanzjarji sabiex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi".

2. Ħtiġijiet ta' pagament għall-2012

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnotaw li l-livell ta' pagamenti, propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit tagħha tal-2013 kien ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-ħtiġijiet ta' pagament fl-2012 ikunu ġew indirizzati bl-approrzazzjonijiet disponibbli fil-baġit tal-2012. Madankollu, l-approrzazzjonijiet ta' pagamenti addizzjonali awtorizzati fil-baġit emendatorju Nru 6/2012 tnaqqsu b'EUR 2.9 biljun meta mqabbla mal-ammont propost mill-Kummissjoni, u mhumiex fil-livell tat-talbiet kollha għall-pagament riċevuti.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tippreżenta fi stadju bikri fl-2013, abbozz ta' baġit emendatorju ddedikat għall-uniku fini li jkun koperti t-talbiet sospiżi tal-2012, hekk kif jitneħħew is-sospensjonijiet, u l-obbligi legali l-oħra pendenti bla ħsara għall-implimentazzjoni xierqa tal-baġit tal-2013.

Biex jiġi żgurat ibbaġitjar tajjeb u preċiż tal-UE, il-Parlament ewropew u l-Kunsill ser jieħdu pożizzjoni dwar dan l-abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex ikun kopert kwalunkwe distakk pendenti."

3. L-intestatura 5 u l-aġġustament tas-salarji u l-pensjonijiet

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li f'dan l-istadju ma jinkludux l-impatt baġitarju tal-aġġustament tas-salarji tal-2011 fil-baġit tal-2013. Bla ħsara għall-pożizzjoni tal-Kunsill fil-kawżi c-66/12, c-63/12, c-196/12 u c-453/12, huma jitolbu b'mod konġunt lill-Kummissjoni, f'każ li l-Qorti taqta' sentenza favur il-Kummissjoni u hekk kif isir dan, biex tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju ddedikat għall-finanzjament, skont kif meħtieġ, tal-impatt tal-aġġustament tal-2011 għall-istituzzjonijiet, inkluż l-effett retroattiv tiegħu fuq is-snin preċedenti u l-imgħax tard potenzjali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill b'hekk jimpenjaw ruħhom li japprovaw tali abbozz ta' baġit emendatorju mill-iktar fis possibbli u biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali mingħajr ma jkunu pperikolati l-prijoritajiet politiċi."
